**It-Tlieta 14 ta’ Frar 2023**

P9_TA(2023)0034

# Ftehim ta’ Sħubija Volontarja UE-Guyana: l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta’ prodotti tal-injam lejn l-UE

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta’ Frar 2023 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta’ prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (09272/2022 – C9-0432/2022 – 2022/0142(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2023/C 283/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (09272/2022),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim ta’ Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta’ prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea (09271/2022),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(3), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0432/2022),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tal-14 ta’ Frar 2023 [1] dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4), u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0008/2023),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana.

---

(1) Testi adottati ta’ dik id-data, P9_TA(2023)0035.